MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Numru. 1068/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**ROSE PARNIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Rose Parnis ta’ 46 sena, bint Anthony u Carmela nee’ Grech, mwielda Pieta’ nhar it- 30 ta’ Lulju 1964, residenti Perla, Triq San Pawl, Naxxar u detentrici tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 433364M;

Li giet imressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 7 ta’ Ottubru 2009, f’ xi hin bejn l- 16.30hrs u l- 17.45hrs, gewwa Rovic Iromongery u fi Triq Vjal ir-Rihan, San Gwann u gewwa l- lock up tal- Pulizija Floriana jew fil- vicinanzi;

1) attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew hebbet kontra l- Ispettur Bernard Spiteri, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, PC 52 Emanuel Agius, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa, persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ dik l- ordni moghtija skond il- Ligi mill- awtorita’ kompetenti u dan bi ksur tal- Artikolu 96 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) ingurjat, heddiet jew ghamlet offiza fuq il- persuni tal- Ispettur Bernard Spiteri, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, PC 52 Emanuel Agius, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa, persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li tbezza’ jew li tinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz, u dan bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) volontarjament kisret il- paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) ma obdietx l- ordnijiet legittimi tal- Ispettur Bernad Spiteri, PS 1207 Robert Said Sarreo, PS 157 Brian Mifsud, PC 52 Emanuel Agius, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 48 Sarah Kathleen Zerafa, persuni nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b’ mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gabet fix- xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond il- Ligi,

jew b’ xi mod iehor, u dan bi ksur tal- Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

5) u aktar talli qalet kliem oxxen li jikkonsisti f’ dagha fil- pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza jittratta l-esekuzzjoni ta’ mandat tal-Qorti tal-Magistrati sabiex persuna tidher quddiem dik il-Qorti l-ghada fil-ghodu. Dan il-mandat kellu jigi esegwit fil-konfront tal-imputata Rose Parnis, u kellu jigi esegwit nhar is-7 ta’ Ottubru, 2009, sabiex hi tidher il-Qorti fit-8 ta’ Ottubru, l-ghada fil-ghodu. Meta tliet ufficjali tal-Pulizija marru jesegwixxu dan il-mandat, l-imputata irrifjutat li taccetta li tigi arrestata, u ghalhekk gew imsejha aktar Pulizija sabiex jassistu lill-kollegi taghhom u jigi esegwit l-istess mandat. Sa dan l-istadju tal-istorja jista’ jinghad li l-imputata kienet biss qed tirrifjuta li tigi arrestata. Hi tablet li tikkomunika mal-avukat taghha, haga li effettivament hekk ghamlet, u wara konsultazzjoni mieghu baqghet tinsisti li ma kienetx ser tigi arrestata. Izda ftit tal-hin wara gew fuq il-post tlitt ufficjali ohra sabiex flimkien mat-tlieta l-ohra, huma jarrestaw lil Rose Parnis. Kien hawnhekk li nqala’ l-incident kollu mertu ta’ din il-kawza, meta intuzat forza sabiex l-imputata tigi arrestata u tittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex tittella’ l-Qorti l-ghada fil-ghodu ghas-seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati. F’hin minnhom intervjena t-tifel tal-imputata, Clive Parnis, u pprova jwaqqaf lill_pulizija milli juzaw forza fuq ommu. L-imputata imbaghad ippruvat twaqqaf lill_pulizija milli jarrestaw lil binha, hassha hazin u waqghet mal-art mitlufa

minn sensiha, regghet ippruvat twaqqaf lill-Pulizija milli tarresta lil binha, izda sa fl-ahhar qaghdet ghall-arrest u ttiehdet mill-Pulizija fil-Kwartieri Generali. Fuq dan l-incident, ghalhekk, fejn l-imputata irrifjutat li tigi arrestata mill-Pulizija, inhargu fil-konfront taghha imputazzjonijiet ta' attakk u resistenza bi vjolenza skond l-Artikolu 96 tal-Kap 9, ingurji u offizi fuq ufficjal pubbliku skond l-Artikolu 95 tal-Kap 9, ksur ta' buon ordni u paci pubblika, nuqqas li tobdi ordni legittima tal-Pulizija jew li tfixkel lill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom, u dagha u kliem oxen fil-pubbliku. Issa l-Qorti sejra tezamin bir-reqqa l-provi li gew prodotti miz-zewg nahat biex tara ezatt x'wassal ghal din il-kawza.

Mil-provi prodotti rrisulta li fit-18 ta' Gunju, 2009, fis-seduta ta' San Giljan quddiem il-Magistrat Silvio Meli, Rose Parnis kienet notifikata biex tidher bhala imputata f'kawza, izda ma deheritx. Ghalhekk kien inhareg *mandat ta' akkompanjament* fil-konfront taghha, kif jidher minn verbal ta' dik il-Qorti esebit mid-difiza a fol. 54 tal-process u mhux kontradett mil-Prosekuzzjoni. Madankollu, il-Pulizija marret fuq Rose Parnis nhar is-7 ta' Ottubru sabiex tarrestaha, u zzommha arrestata sabiex tittella' l-Qorti l-ghada fil-ghodu. Illi ghalhekk hawnhekk hawn konflitt ta' liema mandat gie effettivament ordnat minn dik il-Qorti, jekk kienx mandat ta' akkompanjament jew mandat t'arrest. Din il-Qorti tista' tippresumi x'seta' gara, izda bi presunzjoni biss ma jkunx sufficjenti ghall-kawza. Li hu zgur hu li l-verbal tas-seduta jghid li nhareg mandat ta' akkompanjament, mentri l-Pulizija marru jesegwixxu mandat t'arrest
fil-konfront tal-imputata.

Issa huwa risaput fil-ligi u fil-gurisprudenza taghna li ordni tal-Qorti m'ghandu qatt jigi rifjutat minn hadd. Jekk hemm xi kontestazzjoni dwar tali ordni, din ghandha tigi kontestata fi stadju iehor quddiem l-istess Qorti jew quddiem Qorti ohra, izda l-Pulizija huma dejjem fid-dmir u d-dover li jesegwixxu tali ordni.

Hekk kienet qalet il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Pulizija vs Joseph Zahra"**, deciza fil-15 t'April, 2009;

"L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li hu ma setax jigi misjub hati skond l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali (ingurja ecc. kontra ufficjali pubblici u attakk u rezistenza rispettivament) u skond l-Artikolu 388(*ee*) tal-istess Kodici ghar-raguni li l-agir tal-ufficjali tal-Pulizija kien jiddifetta mil-legalita` in vista' tal-fatt li bid-digriet taghha tal-21 ta' Frar 2007 din il-Qorti kienet irriappuntat is-smigh ta' l-appell u ghalhekk irrevokat id-dikjarazzjoni ta' deserzjoni ta' l-appell. Skond l-appellant, galadarba s-sentenza ta' tliet xhur prigunerija ma kellhiex, ghalhekk, tigi ezegwita, meta l-Pulizija arrestawh fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Frar 2007 huma la kienu qed iwettqu servizz pubbliku "skond il-ligi" (Art. 95) u anqas kienu qed jezegwixxu "ordni moghti skond il-ligi" (Art. 96), u ghalhekk kull ordni taghhom ma kienx legittimu (Art. 388(*ee*)). L-appellant f'dan ir-rigward m'ghandux ragun. L-ordni moghti jew mahrug skond il-ligi f'dan il-kaz kien jemana mill-*prison ticket* 32/07, li kien gie regolarment trasmess lill-Pulizija (u specifikatament lill-Ispettur Fenech) mir-Registratur tal-Qorti. Dan hu dokument ufficjali mahrug minn awtorita` kompetenti skond ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar il-Habs (A.L. 118/95), u ghalkemm dan id-dokument hu indirizzat lid-Direttur tal-Habs, fih referenza ghall-ordni (bid-data b'kollox) ta' l-awtorita` gudizzjarja ghall-arrest tal-persuna imsemmija fih. Dan id-dokument jimplika neccessarjament l-ordni ghall-arrest <u>da parti tal-Pulizija Ezekuttiva</u> tal-persuna li ghalih it-*ticket* ikun jirreferi, f'dan il-kaz Joseph Zahra, l-appellant[1]. Sakemm il-Pulizija Ezekuttiva ma tigix infurmata b'mod formali minn min ikun hareg l-ordni b'xi revoka jew varjazzjoni ta' dak l-ordni tal-awtorita` gudizzjarja, hija ghandha mhux id-dritt <u>izda l-obbligu</u> li tezegwih <u>minnufih</u> u minghajr il-htiega li toqghod taghmel, qabel ma tezegwixxi, xi verifiki jew accertamenti biex tara jekk fil-fatt kienx hemm xi revoka jew varjazzjoni. Ghalhekk, fil-kaz in dizamina z-zewg surgenti u l-kuntistabbli li effettwaw l-arrest ta' Zahra bejn il-21 u t-22

[1] L-istess japplika ghad-dokument mahrug mir-Registratur ghall-finijiet tat-tieni *proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 14 tal-Kodici Kriminali.

ta' Frar 2007 kienu qed jagixxu skond il-ligi fil-qadi ta' servizz pubbliku u fl-esekuzzjoni ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, u l-ordnijiet moghtija minnhom ghall-fini ta' tali ezekuzzjoni kienu wkoll ordnijiet legittimi. Anke li kieku – ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja tal-argument biss – Zahra verament informa lil dawn it-tliet ufficjali tal-pulizija li huwa kien ghamel rikors ghalbiex l-appell jigi riappuntat, jew anke li kieku addirittura kien infurmahom li t-talba tieghu kienet giet milquha mill-Qorti, huma xorta wahda kellhom l-ewwel jezegwixxu l-ordni, u jaghmlu l-verifiki minnufih wara. Mod iehor ikun ifisser li kull persuna rinfaccata b'arrest in ezekuzzjoni ta' ordni tal-Qorti (jew ta' kwalsiasi ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti li jkun *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut tieghu) tista' tiffrastorna l-arrest taghha bis-semplici espedjent li tghid li dak l-ordni gie revokat mill-Qorti, jew li s-sentenza giet mahfura bi proklama presidenzjali. "

Li ma giex ippruvat f'dan il-kaz huwa ezatt x'kienet l-ordni tal-Qorti. Jidher li l-ordni kienet ta' esekuzzjoni ta' mandat t'akkompanjament, u m'hux ta' mandat t'arrest. Din il-Qorti tippresumi li l-Pulizija setghet kellha f'idejha l-mandat t'arrest mahrug minn dik il-Qorti u ffirmat mil-Magistrat Meli, u tifhem li tali mandat seta' facilment inhareg anke bi zvista mill-istess Qorti, minhabba fil-volum ta' xoghol li l-Qrati huma inondati bih. Ghalhekk, l-aktar haga facli ghall-Prosekuzzjoni kienet tkun li tesebixxi l-mandat originali li permezz tieghu huma marru jarrestaw lil Rose Parnis, izda dan il-mandat baqa' ma giex prodott. Ghalhekk, ghalkemm l-imputata ma kellhiex il-jedd jew id-dritt li tirrifjuta li tigi arrestata, li kieku l-Pulizija kellha tali mandat f'idejha, peress illi l-istess mandat ma giex esebit f'dawn l-atti, din il-Qorti sejra taghti l-beneficcju tad-dubju lill-imputata, u anke minhabba l-fatt li kull dubju ghandu jimmilita favur id-difiza.

Nigu ghalhekk biex nezaminaw *seriatim* l-imputazzjonijiet mahruga fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet maghmula. Qabel xejn, il-Qorti hi tal-fehma espressa li dan il-kaz huwa proprju x'ma ghandhomx jaghmlu l-

Pulizija biex jarrestaw lil persuna li hi cittadina ordinarja. Dan qed jinghad ukoll, u aktar, fid-dawl tas-sentenza hawn fuq citata fil-konfront ta’ **Joseph Zahra**, fejn kellha tintuza forza necessarja kontra persuna li, fil-kliem ta’ dik il-Qorti tal-Appell, “ghandu fedina penali ta’ sittin faccata, b’sensiela interminabbli ta’ kundanni… cirkostanza din li, fil-fehma tal-Qorti, bilfors ikkoloriet xi ftit l-atteggjament kemm tal-istess Zahra kif ukoll tal-membri tal-korp tal-Pulizija…”. Fil-kaz ta’ Rose Parnis, ma jidherx li kien hemm tali cirkostanzi li kienu jimmeritaw li sahansitra sitt jew seba’ ufficjali tal-Pulizija jmorru l-hanut taghha biex jarrestawha. Hi assolutament m’ghandhiex fedina penali bhal dik deskritta aktar qabel, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn intuzat tali forza kontra taghha.

Fi kwalunkwe kaz, l-imputazzjonijiet kontra taghha ghandhom xorta jigu ttrattati u esaminati bir-reqqa, ghax huwa fatt li Parnis ma ghenet xejn lil-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom, izda dan mhux necessarjament ghandu jwassal ghal kundanna fuq l-imputazzjonijiet kollha. Hekk, per esempju, l-ewwel imputazzjoni, u cioe’ dik ta’ attakk jew resistenza bi vjolenza. Li rrisulta mil-provi prodotti hu li l-imputata veru li rrifjutat li tigi arrestata u talbet li titkellem mal-avukat taghha, haga li l-Pulizija hallewha taghmel kif fil-fatt kellhom jaghmlu. Sa dak l-istadju tal-incident, hi ma attakkat lil hadd u ma rresistietx l-arrest taghha stess bi vjolenza. Kien fit-tieni stadju tal-incident, meta intervjena t-tifel taghha Clyde, li hi ppruvat izzomm lill_pulizija milli tarresta lil binha. Dan kollu jirrisulta b’ bod car u univoku mil-filmat tal-incident kollu esebit mid-difiza. Rose Parnis ma uzatx forza fizika biex ma tigix arrestata hi, izda ppruvat twaqqaf lill-Pulizija milli tarresta lil binha. Ghalhekk, kwantu ghal-ewwel imputazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, din ma rrisultatx ippruvata, u ghalhekk il-Qorti sejra tilliberaha minnha.

Kwantu ghat tieni imputazzjoni, u cioe’ dik ta’ ingurji u offizi fuq ufficjali pubblici, din giet ippruvata kontra taghha. Mill-azzjonijiet taghha u mil-kliem li hi uzat, huwa manifest li Parnis – bl-azzjoni taghha biex tiddefendi lil binha – ingurjat lill_pulizija hemm presenti u ghamlet offizi fuqhom, kif irrisulta mil-provi prodotti mil-Prosekuzzjoni. L-

istess azzjoni taghha wassal ukoll biex tirrisulta r-raba' imputazzjoni, u cioe' dik ta' nuqqas li tobdi ordni legittima, jew li tfixkel lill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu. Din il-Qorti tifhem li omm tista' thoss ghal binha li qed jigi arrestat, izda qatt ma tista' tiggustifika li tintuza forza, anke jekk minima, biex tfixkel lill-awtoritajiet milli jaqdu d-dmir taghhom. F'dak l-istadju tal-incident, meta Clive Parnis intervjena biex iwaqqaf lill-Pulizija milli tarresta lil ommu, il-Pulizija kellha kull jedd li tarrestah. Jekk din il-qorti ghandha dubju dwar kemm kellha ordni legittima l-Pulizija biex tarresta lil Rose Parnis, daqshekk m'ghandhiex dubju li l-Pulizija setghet tordna u tesegwixxi l-arrest ta' Clive Parnis. Ghalhekk it-tfixkil ta' dik l-operazzjoni jammonta ghal reat, u ghalhekk l-imputata qed tinstab hatja tar-raba' imputazzjoni ukoll.

Kwantu ghat-tielet u l-hames imputazzjonijiet, dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati. Fl-ewwel lok, l-incident ma sarx fil-pubbliku izda sar fil-proprjeta' private ta' Parnis stess, cioe' fil-hanut taghha, u ma giet prodotta ebda prova li l-incident nissel xi biza' fil-pubbliku ghall-inkolumita' tal-proprjeta' privata ta' terzi, u l-anqas ma ntqal x'kien il-kliem konsistenti f'dagha li allegatament nisslet l-istess imputata.

Ghalhekk, fuq it-tieni u r-raba' imputazzjoni, il-Qorti trid issa tikkonsidra l-piena. Dawn iz-zewg reati huma frott ta' incident wiehed kommess mil-imputata, u ghalhekk ghandu jigi applikat il-konkors formali tal-pieni u tinghata piena wahda ghat-tnejn. In vista li dan l-incident seta' facilment gie evitat bi ftit aktar sforz ta' diplomazija mil-Pulizija, u in vista wkoll li l-kaz gie minfuh lil 'hinn mil-proporzjon proprju tieghu, il-Qorti sejra tapplika l-piena tat-twiddiba u c-canfira lill-imputata, ghax verament il-Qorti thoss li daqshekk biss kien jimmerita lilha, li tigi mwissija biex ma tergax iggib ruhha b'dak il-mod.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 96, 95, 338 (dd) u 338 (ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputata hatja tal- ewwel (1), it- tielet (3) u l- hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberaha minnhom.
Issib lill- imputata hatja tat- tieni (2) u r- raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah twiddiba u canfira.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------